Heritage Malta

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

# PROGRAMM T'ATTIVITAJIET TEMATIĊI GĦALL-GRUPPI TAL-PRIMARJA GĦAS-SENA 2017/2018

**Dawn il-programmi edukattivi jibdew fid-9.30am u jispiċċaw fin-12.30am. Għal dawn il-programmi edukattivi qed jiġu aċċettati massimu ta' 30 student/a f'kull ġurnata.**
**Għal kull programm tematiku tinġabar donazzjoni ta' €1 mill-istudenti kollha sabiex jiġu koperti l-ispejjeż tal-materjal użat.**
**L-attività tista' tiġi offruta kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dan irid jiġi ndikat fil-formola tal-*booking* (link hawn taħt).**

| Attività | Deskrizzjoni Qasira | Sena | Rabta mal-Kurrikulu | Mużew / Sit | Data |
|---|---|---|---|---|---|
| **Drawwiet u Tradizzjonijiet marbuta ma' Novembru (P03-17/18)** | Il-programm edukattiv jinkludi żjara fil-kċina tal-Palazz tal-Inkwiżitur fejn tingħata spjegazzjoni dwar it-tħejjija tal-ikel. Dan il-workshop jinkludi sessjoni ta' tisjir tal-għadam tal-mejtin, ħelu tradizzjonali li jiġi ppreparat matul dan iż-żmien. It-tfal ikunu jistgħu jilgħabu logħba tradizzjonali marbuta ma' din it-tema. | Il-5 Sena | Malti: 5.1.3, 5.1.4, 5.2.1, 5.2.2, 5.2.4, 5.3.4.<br>Studji Soċjali: L-Ambjent Storiku: 5.1, 5.2. | Il-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Birgu. | 6, 7, 8, 9 u 10 ta' Novembru 2017 |
| **Il-Baħar u dak kollu li jġib miegħu (P04-17/18)** | Ħarsa lejn ir-rabta tal-Gżejjer Maltin mal-baħar. L-istudenti se jkollhom l-opportunità li jieħdu sehem f'numru ta' attivitajiet marbuta mat-tradizzjonijiet u s-snajja` tal-baħar. Se jkun hemm ukoll reċta dwar il-multikulturaliżmu (riżultat dirett tal-attività marittima) li sawwar u għadu jsawwar l-identità Maltija. | It-3 u r-4 Sena | Year 3: Studji Soċjali: Ambjent Storiku; 3.1.1, 3.1.2, 3.1.4, 3.2.1. Ambjent Ġeografiku: 3.1.<br>Year 4: Studji Soċjali: Ambjent Storiku: 4.1.1, 4.1.2. Ambjent Ġeografiku: 4.3.3.<br>Drama: Analiżi u Interpretazzjoni - 3.3.2, 3.3.3, 3.3.4 | Il-Forti Sant'Anġlu u l-Mużew Marittimu, il-Birgu. | 21, 22, 23, 27, 28, 29 u 30 ta' Novembru; 4, 5, 6, 7, 11, 12, 14 u 15 ta' Diċembru 2017. |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Tradizzjonijiet tal-Milied (P05-17/18)** | Din il-programm jibda bi żjara tal-wirja permanenti dwar it-tradizzjonijiet tal-Milied f'Malta, u jinkludi wkoll workshop dwar il-preparazzjoni u tisjir tal-pudina tal-ħobż. L-istudenti se jkollhom il-possibbiltà li joħolqu presepju żgħir. | Is-6 Sena | Reliġjon: 4.1, 4.2, 4.3, 4.4, 4.5, 4.6.<br>Malti: 6.1.1, 6.1.2, 6.1.4, 6.2.1, 6.2.2, 6.2.3.<br>Arti: 6.3.1. | Il-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Birgu. | 4, 5, 6, 14 u 15 ta' Diċembru 2017 |
| **Matematika fil-Katakombi Rumani * (P06-17/18)** | Dan il-programm edukattiv jiffoka fuq is-sistemi tal-għadd u l-kejl ta' żmien ir-Rumani u r-rifless tagħhom fil-matematika li nħaddmu llum. Tingħata attenzjoni partikolari lis-simetrija permezz ta' workshop dwar l-arti tal-mużajk. Jingħata ukoll tour tas-sit u l-istudenti jkunu jistgħu jżuru fill-katakombi. | It-3 Sena | Il-Matematika; Taqsimiet A.3.7, B.3.1, B.3.2, G.3.2, G.3.3, J.3.4, L.3.1, L.3.2 | Il-Katakombi Ta' Bistra, il-Mosta | 30 ta' Jannar; 1, 15, 20, 22 u 27 ta' Frar; 1 ta' Marzu 2018 |
| **Wieħed, Tnejn, Tlieta… niżfnu l-Parata (P07-17/18)** | Gwida animata tal-Birgu ta' żmien l-Assedju l-Kbir tal-1565 u spjega tar-rabta taż-żifna tradizzjonali tal-Parata mal-istess Assedju. L-istudenti jieħdu sehem f'workshop dwar din iż-żifna. | It-3 Sena | Edukazzjoni Fiżika:<br>Żfin Edukattiv,<br>Malti: 3.1.1, 3.1.3, 3.1.4. | Il-Collacchio u Pjazza Vittorja, il-Birgu | 5, 6, 7 u 8 ta' Frar 2018 |
| **Induqu l-Ħelu tal-Għid! (P08-17/18)** | Ħarsa lejn it-tradizzjonijiet Maltin tal-Ġimgħa l-Kbira u tal-Għid il-Kbir. Minbarra spjega tal-wirja permanenti, l-istudenti jkollhom workshop dwar il-ħelu tradizzjonali. | Ir-4 Sena | Malti: 4.1.1, 4.1.3, 4.1.4, 4.2.4.<br>Studji Soċjali: Ambjent Storiku: 4.3.1, 4.3.2, 4.3.3, 4.3.4. | Il-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Birgu. | 20, 21, 22, 26, 27, 28 u 29 ta' Marzu 2018 |
| **Ġmiel il-Ħrafa (P09-17/18)** | Ħarsa lejn l-importanza tal-ħrejjef Maltin. L-istudenti jieħdu sehem f'attività marbuta mal-ikel tradizzjonali li jissemma fl-istess ħrafa li tkun animata minn attur. | It-2 Sena | Malti: 2.1.2, 2.1.2, 2.1.4, 2.2.2, 2.2.3.<br>Studji Soċjali: Ambjent Storiku: 2.4.1, 2.4.2, 2.4.3. | Il-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Birgu | 7, 8 , 9 , 10 u 11 ta' Mejju 2018 |
| **Muża u Immaġinazzjoni fit-Tempji * (P10-17/18)** | Matul dan il-programm edukattiv l-istudenti ikunu jistgħu jiżviluppaw l-immaġinazzjoni permezz tal-kitba ta' storja ambjentata fit-tempji. Il-programm jinkludi attività marbuta mal-arti preistorika. | Ir-4 Sena | Malti: 4.4.1, 4.4.3, 4.4.4.<br>Arti: 4.2.1<br>Ingliż: 4.3.8, 4.3.9, 4.3.15, 4.3.16. | It-Tempji ta' Ħal Tarxien, Ħal Tarxien. | 7, 8 , 9 , 10 u 11 ta' Mejju 2018 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Ġmiel il-Ħrafa** <br>** <br>**(P11-17/18)** | Ħarsa lejn l-importanza tal-ħrejjef Maltin. L-istudenti se jkunu qed jsegwu u jifhmu storja li tkun animata minn attur. | It-2 Sena <br>It-3 Sena | Year 2: Malti: 2.1.2, 2.1.2, 2.1.4, 2.2.2, 2.2.3. <br>Year 3: Malti: 3.1.1, 3.1.2, 3.1.4, 3.2.2, 3.2.3. | It-Tempji tal-Ġgantija, Għawdex | 14, 15, 16, 17 u 18 ta' Mejju 2018 <br><br>L-ibbukkjar isir direttament ma Lawrence Sciberras (Educational Officer) |

*Il-programm edukattiv jista` jsir bl-Ingliż. Irid jiġi ndikat fil-formola tal-applikazzjoni.
**Dan il-programm edukattiv jibda fl-10 am u jispiċċa f'12 pm.

**Sabiex tibbukjaw dawn il-programmi edukattivi agħfas din il-link: https://goo.gl/forms/LRoIka0x1obQDt683**

**Dan il-booking jiġi ikkonfermat permezz ta'email. Għal aktar informazzjoni ibagħtu email fuq vanessa.ciantar@gov.mt jew ċemplu fuq 21239306.**